

Brussell, 28 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11884/26

CES 8

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru, propost mir-Repubblika ta' Ċipru, fil-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li taħtar membru, propost mir-Repubblika ta' Ċipru,
fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/853 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Ċiprijott,

Wara li kkonsulta lill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 15, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/853/oj>.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(2) tat-Trattat, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jikkonsisti minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, tal-impjegati, u ta' partijiet oħra li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fl-oqsma soċjoekonomiċi, ċiviċi, professjonali u kulturali.
- (2) Fis-16 ta' Settembru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1911², li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Settembru 2030.
- (3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Pieris PIERI, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.
- (4) Il-Gvern Ċiprijott ippropona lis-Sur Pavlos KALOSINATOS, Διευθυντής Ινστιτούτου Εργασίας Κύπρου ΠΕΟ, Μέλος Εκτελεστικού Συμβουλίου Παγκύπριας Εργατικής Ομοσπονδίας ΠΕΟ (Direttur tal-Istitut tax-Xogħol ta' Ċipru (INEK-PEO), Membru tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Federazzjoni pan-Ċiprijotta tal-Ħaddiema (PEO)), bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2030,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1911 tas-16 ta' Settembru 2025 li taħtar membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Settembru 2030 (ĠU L, 2025/1911, 22.9.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1911/oj>).

Artikolu 1

Is-Sur Pavlos KALOSINATOS, *Διευθυντής Ινστιτούτου Εργασίας Κύπρου ΠΕΟ, Μέλος Εκτελεστικού Συμβουλίου Παγκύπριας Εργατικής Ομοσπονδίας ΠΕΟ* (Direttur tal-Istitut tax-Xogħol ta' Ċipru (INEK-PEO), Membru tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Federazzjoni pan-Ċiprijotta tal-Ħaddiema (PEO)), huwa b'dan maħtur bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2030.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
